Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B **REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/95**

tal-24 ta' Jannar 2022

li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti fittings ta' tubi u pajpijiet, tal-ħadid jew tal-azzar, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, kif estiż għall-importazzjonijiet ta' ċerti fittings ta' tubi u pajpijiet, tal-ħadid jew tal-azzar ikkonsenjati mit-Tajwan, mill-Indoneżja, mis-Sri Lanka u mill-Filippini, kemm jekk iddikjarati bħala li joriġinaw minn dawn il-pajjiżi kif ukoll jekk le, wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(ĠU L 16, 25.1.2022, p. 36)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/674 tat-22 ta' April 2022	L 122	31	25.4.2022

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/95

tal-24 ta' Jannar 2022

li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti fittings ta' tubi u pajpijiet, tal-ħadid jew tal-azzar, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, kif estiż għall-importazzjonijiet ta' ċerti fittings ta' tubi u pajpijiet, tal-ħadid jew tal-azzar ikkonsenjati mit-Tajwan, mill-Indoneżja, mis-Sri Lanka u mill-Filippini, kemm jekk iddikjarati bħala li joriġinaw minn dawn il-pajjiżi kif ukoll jekk le, wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

Artikolu 1

1. Qed jiġi impost dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' fittings ta' tubi u pajpijiet (għajr għal fittings fonduti, flanġijiet u fittings bil-kamin), tal-ħadid jew tal-azzar (eskluż l-azzar inossidabbli), b'dijametru estern massimu li ma jaqbiżx is-609,6 mm, ta' tip użat għall-iwweldjar tarf ma' tarf jew għal skopijiet oħrajn, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 7307 93 11, ex 7307 93 19 u ex 7307 99 80 (kodiċi TARIC 7307 93 11 91, 7307 93 11 93, 7307 93 11 94, 7307 93 11 95, 7307 93 11 99, 7307 93 19 91, 7307 93 19 93, 7307 93 19 94, 7307 93 19 95, 7307 93 19 99, 7307 99 80 92, 7307 99 80 93, 7307 99 80 94, 7307 99 80 95 u 7307 99 80 98) u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

2. Ir-rata tad-dazju anti-dumping definittiv applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodotti deskritti fil-paragrafu 1 u prodotti mill-kumpaniji elenkati hawn taħt għandha tkun kif ġej:

Pajjiż	Kumpanija	Rata tad-dazju (%)	Kodiċijiet addizzjonali TARIC
Iċ-Ċina	Il-kumpaniji kollha	58,6	-

Artikolu 2

▼M1

1. Id-dazju antidumping definittiv impost mill-Artikolu 1 fuq l-importazzjonijiet li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina huwa b'dan estiż għall-importazzjonijiet tal-istess fittings (attwalment ikklassifikati taħt il-kodiċijiet TARIC: 7307 93 11 91; 7307 93 19 91; 7307 99 80 92) ikkonsenjati mit-Tajwan (kodiċi addizzjonali TARIC A999), kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mit-Tajwan kif ukoll jekk le, bl-eċċezzjoni ta' dawk prodotti minn Rigid Industries Co. Ltd, Kaohsiung (it-Tajwan) (kodiċi addizzjonali TARIC A099).

▼B

2. Id-dazju anti-dumping definittiv impost mill-Artikolu 1 fuq l-importazzjonijiet li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina huwa b'dan estiż għall-importazzjonijiet ta' fittings ta' tubi jew pajpijiet (minbarra fittings fonduti, flanġijiet u fittings bil-kamin), tal-ħadid jew tal-azzar (mhux inkluż l-azzar inossidabbli), bl-akbar dijametru estern li ma jaqbiżx is-609,6 mm, ta' tip użat għall-iwweldjar tarf ma' tarf jew

▼B

għal skopijiet oħrajn, attwalment ikklassifikati taħt il-kodiċijiet NM ex 7307 93 11 (il-kodiċi TARIC 7307 93 11 93), ex 7307 93 19 (il-kodiċi TARIC 7307 93 19 93), u ex 7307 99 80 (il-kodiċi TARIC 7307 99 80 93) ikkonsenjati mill-Indoneżja, kemm jekk iddikjarati bħala li joriġinaw mill-Indoneżja kif ukoll jekk le.

3. Id-dazju anti-dumping definittiv impost bl-Artikolu 1 fuq l-importazzjonijiet li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina huwa b'dan estiż għall-importazzjonijiet ta' fittings ta' tubi jew pajpijiet (minbarra fittings fonduti, flanġijiet u fittings bil-kamin) tal-ħadid jew tal-azzar (mhux inkluż l-azzar inossidabbli), bl-akbar dijametru estern li ma jaqbiżx is-609,6 mm, ta' tip użat għall-iwweldjar tarf ma' tarf jew għal skopijiet oħrajn, attwalment ikklassifikati taħt il-kodiċijiet NM ex 7307 93 11 (il-kodiċi TARIC 7307 93 11 94), ex 7307 93 19 (il-kodiċi TARIC 7307 93 19 94), u ex 7307 99 80 (il-kodiċi TARIC 7307 99 80 94) ikkonsenjati mis-Sri Lanka, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mis-Sri Lanka kif ukoll jekk le.

4. Id-dazju anti-dumping definittiv impost bl-Artikolu 1 fuq l-importazzjonijiet li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina huwa b'dan estiż għall-importazzjonijiet ta' fittings ta' tubi jew pajpijiet (minbarra fittings fonduti, flanġijiet u fittings bil-kamin), tal-ħadid jew tal-azzar (mhux inkluż l-azzar inossidabbli), bl-akbar dijametru estern li ma jaqbiżx is-609,6 mm, ta' tip użat għall-iwweldjar tarf ma' tarf jew għal skopijiet oħrajn, attwalment ikklassifikati taħt il-kodiċijiet NM ex 7307 93 11 (il-kodiċi TARIC 7307 93 11 95), ex 7307 93 19 (il-kodiċi TARIC 7307 93 19 95), u ex 7307 99 80 (il-kodiċi TARIC 7307 99 80 95) ikkonsenjati mill-Filippini, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Filippini kif ukoll jekk le.

5. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.